Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Il-Gimgha, 8 ta' Lulju 2016.

Appell numru: 3/2015AE

**Stephen u Marica konjugi Borg**

**Vs**

**Frans Azzopardi**

1. L-atturi harrku lill-konvenut ghas-somma ta' €1,466.93 ghal xoghol ta' tiswija fuq il-vettura tal-konvenut.

2. Il-konvenut ikkontesta t-talba u ppropona rikonvenzjoni ghall-hlas ta' €3,494.06 ghal tiswijiet ulterjuri li kellhom isiru fil-vettura Mercedes 190 bin-numru VIP-225.

3. B'sentenza tat-8 ta' Marzu 2016 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar cahad ir-rikonvenzjoni u laqa t-talba tal-atturi.

4. Il-konvenut appella mis-sentenza tat-Tribunal u lmenta li t-Tribunal naqas mill jaghti ragunijiet ghalfejn cahad ir-rikonvenzjoni. L-appellant isostni li t-Tribunal skarta ghal kollox il-verzjoni tal-appellant u Kevin Bajada.

5. Min-naha taghhom l-atturi jsostnu li l-appell ghandu jigi michud.

6. Fis-sentenza, it-Tribunal qal:

*"Jirrizulta mill-provi li fl-10 ta' Marzu, 2014, l-partijiet kienu ffirmaw skrittura privata bejniethom u li permezz taghha l-intimat obbliga ruhhu li jhallas lir-rikorrenti l-ammont ta' €1,866.93c ghal diversi xogholijiet li rrikorrenti kien ghamel fuq vetturi proprjeta ta' l-intimat. Irrizulta ukoll li lintimat kien beda jwettaq l-obbligazzjoni minnu assunta b'din l-iskrittura u fil-fatt ghamel erba' pagamenti ta' €100-il wiehed. L-intimat imbaghad waqaf ihallas u r-rikorrenti kellhu jaghmel dawn il-proceduri. Ir-raguni tal-waqfien, skont ma jirrizulta mir-risposta minnu mressqa kienet li r-rikorrenti ma kienx ghamillu x-xogholijiet fuq il-vettura tat-tip Mercedes. Irrizulta mill-provi li dawn ix-xoghlijiet li l-intimat qieghed jilmenta minnhom u li skont hu ma kienx ghamel ir-rikorrenti kienu dwar is-sadid u l-pompa. Mill-provi prodotti, t-Tribunal ma huwiex sodisfatt mill-ewwel ilment tieghu u cioe dik dwar is-sadid. It-Tribunal huwa tal-fehma li l-intimat ma rnexxielux jipprova dan l-ilment. Ghar-rigward tal-pompa, t-Tribunal jaghmel referenza ghal dak li xehed l-intimat stess meta qal li Kevin Bajada, l-Malti li huwa kien xtara din il-pompa minghandu, ma kienx tah l-affarijiet kollha mal-pompa (fol. 39)*

*u li meta huwa kien hadha ghandu dan kien ghamel xi affarijiet fiha biex b'hekk giet tahdem. Ghalhekk, mix-xhieda stess ta' l-intimat jirrizulta li r-rikorrenti ma kellhu x'jaqsam xejn mal-fatt li l-pompa ma kienitx tahdem. Apparti dan kollu, meta huwa ffirma l-iskrittura privata datata 10 ta' Marzu, 2014, l-intimat kien jaf li din il-vettura ma kienitx qeghda tiffunzjona u allura ma jistax issa jilmenta mill-fatt li x-xoghol ma kienx sar sew. Konsegwentement, it-Tribunal sejjer jichad il-kontro-talba tal-intimat l-ghaliex ma hijiex misthoqqa fil-ligi u sejjer jghaddi biex jilqa ttalba tar-rikorrenti."*

7. L-appell hu bazat fuq l-apprezzament tal-provi li ghamel it-Tribunal. Wara li l-qorti rat l-atti hi tal-fehma li m'hemmx ragunijiet li jistghu jwassluha biex tilqa' l-appell. Fir-rikors tal-appell inghad: *"10. Illi l-appellant ihoss ruhu aggravate mill-mod kif it-Tribunal wasal ghall-konkluzjoni tieghu u dan wara li ghamel analizi biss ta' dak li qal l-appellat filwaqt li kemm ix-xhieda tal-appellant kif ukoll ix-xhieda tal-mekkanik Kevin Bajada ma nghatatx il-piz li jixraqilha u konsegwentement cahdet ghal kollox il-pretensjonijiet tal-appellant."* Mis-sentenza hu altru milli evidenti li t-Tribunal ikkunsidra l-provi kollha. Il-qorti zzid tosserva li fir-rigward:

    i. Tas-sadid fil-vettura Mercedes, l-appellant xehed: *"Is-sadid rega' hargilha."* (fol. 38). Din m'hijiex prova li l-appellat ghamel xoghol hazin. M'hemm l-ebda taghrif dwar f'liema parti tal-vettura suppost kien rega' hareg is-sadid u li dan kellu xi konnessjoni max-xoghlijiet li l-appellat ghamel fuq il-vettura Mercedes.

    ii. Ta' dak li l-appellat irrefera ghalih bhala *"saqaf ma jahdimx. Kien jahdem dak"* (fol. 38), mill-kont li hareg l-appellat (fol. 49) ma jirrizultax li l-appellat ghamel xoghol fis-saqaf. Kont li gie mehmuz mal-iskrittura privata li l-partijiet iffirmaw fl-10 ta' Marzu 2014. Ghaldaqstant dan id-dokument hu prova tax-xoghol li sar mill-appellat fuq il-Mercedes u l-vetturi l-ohra li jissemmew fl-istess kont.

    iii. Tal-pompa tal-vettura Mercedes, mid-deposizzjoni ta' Kevin Bajada (fol. 55) it-Tribunal qatt ma seta jikkonkludi li minhabba x-xoghol li ghamel l-appellat kellha ssir tiswija ghand Bajada. Dan l-istess xhud ma kkoraborax il-verzjoni tal-appellant li meta l-appellat tah lura l-pompa, kien hemm xi affarijiet neqsin. Fil-fatt Bajada lanqas biss ma ftakar jekk kienx uza l-istess pompa jew pompa differenti. Inoltre, l-appellant lanqas ma qal x'suppost kienu l-affarijiet li ma tahx l-appellat. Dan apparti li mid-deposizzjoni tal-appellat, irrizulta li meta wahhal il-pompa fil-vettura ma hadmitx tajjeb u kien l-appellant stess li qallu li kien ser jehodha ghand min xtara l-pompa. M'hemm l-ebda ndikazzjoni li l-appellat nehha xi affarijiet mill-pompa.

8. A bazi tal-provi li tressqu t-Tribunal kien altru milli gustifikat jichad ir-rikonvenzjoni u jilqa' t-talba tal-appellati.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant**.

(ft.) Anthony Ellul
Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur